# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 60

It-Tlieta 6 ta’ Marzu 2012 fis-4.45pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar, fis-6.00pm.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu preżenti s-Sindku, w l-Kunsillieri, Vincent Farrugia, Raymond Azzopardi, Valerie Borg u Mario Camenzuli. L-Viċi Sindku Joseph Spiteri u l-Kunsillier Peter Buontempo kienu ma jifilħux.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru. 58 li saret nhar it**-Tlieta 6 ta' Frar, 2012,** u l-minuti tas-Seduta Nru. 59 li saret nhar **It-Tlieta 21ta' Frar 2012** kienu konfermati.

**ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

*Il-Post ta' Town Centre Manager*

Fl-aħħar seduta li kienet nhar il-21ta' Frar 2012 ġie approvat il-bord ta' l-għażla li kien jikkonsisti mis-Sindku, il-Kunsillier Raymond Azzopardi u min Peter Buontempo. Id-*deadline* skond l-*vacancy* kif ħarġet mil-ETC kienet tagħlaq nhar il-Ħamis 23 ta' Frar 2012. Għalhekk kien pjanat li jsiru l-interviews nhar il-Erbgħa 29 ta' Frar 2012.

Nhar it-Tlieta 28ta' Frar 2012, is-Sindku flimkien mas-Segretarja taw ħarsa lejn ic-CV's ta' dawk li kien bagħtu, kien hawn li s-Sindku ddikjara konflitt ta' interess. Hawn is-Sindku kiteb lis-Segretarja w għalhekk is-Segretarja nfurmat lil-Viċi Sindku biex jieħu post is-Sindku għal bord ta' evalwazzjoni.

Saru l-*interviews* nhar il-Erbgħa 29 ta' Frar 2012, kull applikant ġie mistoqsi b'reqqa u b'dettal. Kull kunsillier kellu jimla *Interview Evaluation Sheet*, għal kull applikant. Wara diskussjoni u evawazzjoni dettaljata l-Bord ħareġ bil-konkluzjoni li Matthew Carbonaro kien l-aktar applikant li kellu qwalitajiet biex jissodisfa l-kriterji skond l-*Job Description* għal dan l-impjieg.

Il-Kunsillier Vincent Farrugia, Raymond Azzopardi, Mario Camenzuli u Valerie Borg b'vot unanimu kkonfermaw li Matthew Carbonaro jinħatar Town Centre Manager u waqt din id-deċizjoni s-Sindku ħareg barra mill-kamra, fejn reġgħa ddikkjara kunflitt ta' interess u għalhekk s-segretarja spjeġat fid-dettal.

- Is-Sindku nforma li wara li tlesta x-xogħol fi Triq San Nikola jidher li kien hemm xi difetti. Sar on-site visit mis-Sindku, is-Seġretarja, l-Perit kif ukoll l-Kuntrattur. Sar qbil li t-Triq trid tigi rrangata għalhekk kien ser jerġgħa jsir scarifying u jerggħa jingħata l-tarmac fil-postijiet indikati mill-perit. Dan kien ser isir bejn il-Forn u Triq ir-Republika, kif ukoll, bejn Triq Republika u Triq Merkanti.

- Is-Sindku nforma li Triq San Pawl ser tibda t-Tnejn ta wara l-Għid. Ser issir Triq Santa Luċija bil-pavimentar.

- Is-Sindku nforma li l-premju tal-*photo competition* ser jinataw f'Jum il-Belt.

- Is-Sindku nforma li tlestiet Toni Bajjada Lane u għalhekk ser issir bollard biex dan is-sqaq jkun aċċessibli biss għar-residenti w ma jsirx ħsara lil paviment il-ġdid.

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

- Is-Sindku nforma lil kunsillieri dwar l-fondi tal-Memo 90/2011 – Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2012 li ġew mgħotija lil Kunsill lokali fit 2 ta' Marzu 2012. Dawn jammontaw ghal €1,492.21.

- Is-Sindku nforma lil kunsill li kif diġa ġie diskus f'laqghat preċedenti l-programm biex isir l-*Executive Meeting* kien ġie finalizzat. L-Grupp ser jkun Malta bejn il-Ħamis 10 ta' Mejju u l-Ħadd 13 ta' Mejju 2012.

- Is-Sindku nforma dwar Jum il-Belt. N-Nefqa kif stipulata mill-liġi hija dik ta' €3,500.00 u għalhekk sar qbil l-isiru l-attivitajiet kif isiru s-soltu.

- Is-Sindku reġgħa fakkar dwar il-laqgħat tal-Kommunita' li kienu ser isiru fix-xahar ta' Marzu – dik tal-Parroċċa ta' San Pawl u dik tal-Parroċċa ta' Santu Wistin.

- Is-Sindku nforma li qed isiru diskussjonijiet biex isir day-centre għal anzjani fejn illum jiltaqgħa Third World Group. Għandha ssir laqgħa fejn uffiċjali mis-Seġretarja għal-Kura ta' l-Anzjani jaraw dan il-post biex nkunu nistgħu mmexxu b'din il-proposta.

- Is-Sindku nforma li ser issir Attivita viċin Jum il-Belt biex jigi nawgurat l-Ajruplan ta' l-Air Malta li ser jkun qed jippromwovi il-V18. Hemm il-possibilita' li nieħdu grupp ta' 50 tifel u tifla mill-Belt.

**KORRISPONDEZA**

- L-Kunsill rċieva korrespondenza min għand s-Socjeta filarmonica Nazionale La Valette kif ukoll għand s-Socjeta Filarmonica King's Own. It-Tnejn urew l-interess li l-Kunsill jkun partner fl-attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa. L-Kunsill qabel li l-budget li kellu għal dawn l-attivitaijiet kienu €1000.00. Għalhekk ser jinqasmu bejn iz-zewġ Soċjetajiet. L-Kunsill qabel dwar dan u qabel li l-PR li jsir iż-żewġ soċjetajiet għandu jkollu l-logo tal-Kunsill Lokali stampat.

- L-Kunsill rċieva korrespondenza min għand l-Arċikonfraternita' tas-Santissmu Kurċifiss fejn l-Kunsill ġie mistieden biex jieħu sehem fil-Purċissjoni tad-Duluri u tal-Ġimgħa l-Kbira. Saret talba biex jinħasel it-tarag. L-Kunsill qabel dwar dan.

- L-Kunsill rċieva stendina min Cities for Children biex l-Kunsill jipparteċipa f'workshop. Għalhekk sar qbil li l-Kunsillier Vincent Farrugia kif ukoll Faye Pirotta l-community worker jattendu peress li x-xoghol fuq l-applikazzjoni sar minnnhom. Dawn ser jattendu l-workshop bejn is-16 u 17 ta' April 2012.

- L-Kunsill rċieva korrispondenza biex jerggħa jieħu sehem f'etfal kif ukoll biex joffri course bażiku tal-computer għall-adulti. L-Kunsill kollu qabel dwar dan.

- L-Kunsill rċieva korrespondenza dwar il-festa ta' San Guzepp li tigi ċċelebrata fis-Santwarju Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu.

- L-Kunsill rċieva korrespondenza min għand ETC – EURES. Din l-korrispondenza titratta dwar permess għal attivita' biex issir quddiem il-qorti bħal snin preċendenti.

- L-Kunsill rċieva korrespondenza min għand Office for Consumer Affairs. Din l-korrispondenza titratta dwar permess għal attivita' biex issir quddiem fi Pjazza San Gorg.

- L-Kunsill rċieva ittri ta' ringrazzjament min għand:
  Merchant street Business Community dwar l-attivitajiet ta' New Year''s Eve 2011-2012.
  IL-President ta' Malta dwar is-sehem tal-Kunsill f'The President's Charity Fun Run 2011.

- L-Kunsill rċieva ittra ta' suggeriment dwar Public Conveniences ġodda li għandhom isiru fid-Ditch (Ex Sunday Market) kif ukoll ħdejn l-gate tal-Bank Ċentrali. L-ittra ġiet referita lil *GHRC*

- L-Kunsill rċieva llment dwar is-servizz ta' wardens speċjalment f'St Paul's street. L-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa biex tissolva din il-problema fejn ir-residenti mhux qed isibu jipparkajaw minħabba li l-parking tar-residenti qed jittieħed min ħaddiema.

**MISTOQSIJIET**

- IL-Kunsillier Raymond Azzopardi staqsa jekk l-kunsill jistax jipprovdi mobile toilet sakemm l-Public Convenience ta' Triq Karri tkun magħluqa għar-refurbishment.
  Is-Seġretarja għanda ġġib *quotations* kemm tiġi l-ispiza biex dan isir.

- Il-Kunsillier Vincent Farrugia staqsa jekk tista ssir *Sleeping Policeman* fi Triq Santa Lucija ftit il-fuq mill-Vanguards.
- L-kunsill qabel li għandha ssir mistoqsija lir-residenti ta' l-peress li din ser iżżid l-istorbju. Kif ikollna din l-informazzjoni s-Sleeping Policeman tista tiġi nstallata.

**AMMINISTRAZZJONI**

- Is-Seġretarja nfurmat u wriet stampa kif ser ikunu l-planters li ser jiġu provduti bl-inizzjativa ta' ELC. Is-seġretarja nfurmat u għamlet referenza għal-laqgħa preċedenti fejn il-Kunsill kien ser ikun parti min din l-inizzjattiva.

- Is-Seġretarja nfurmat li ġabret l-informazzjoni kollha meħtiega biex isir l-leaflet tal-Ġimgħa l-Kbira li jitqassam f'Malta kollha. Qed isir *exercise* biex isir bl-aktar mod viabbli. Qed tistenna li jibda jaħdem it-*Town Centre Manager* biex jagħmel l-artwork. Pero, nfurmat li ser jasal fil-ħin fid-djar.

- Is-Segretarja nfurmat lil Kunsill li nhar il-Ġimgha 16 ta' Marzu 2012 kien ser isir l-*Audit.*

- Is-Seġretarja nfurmat lil Kunsill dwar l-Insurance Policy li għandu l-Kunsill. Dan kien wieħed mill-punti li ġew *highlighted* fil-*Management Letter* ta' 2010. Għalhekk wara li saret spjegazzjoni tal-*Policy* l-ġdida sar qbil li għandu jsir l-upgrade tal-*Policy* kif issuggerit mill-Awdituri.

- Is-segretarja nfurmat dwar tenders godda li ser jinhargu:
  1. Peacock Garden Project Management
  2. Peacock Garden Construction

3. Peacock Garden Engineering
4. Sqaq l-Iljuni
5. Van

**XIRI**

- Xiri ta' laptops għal EU Affairs, Town Centre Manager u l-Clerk.
  Min 3 kwotazzjonijiet li rċevejna ntażlu Merlin Computers. Dan għaliex kellhom l-aħjar specifications kif ukoll kien l-aħjar deal.

**TMIEM**

Fil-8.00pm intemmet is-Seduta.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku